IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 164/25

**Il-Lussemburgu, 18 ta' Diċembru 2025**

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-417/23 | Slagelse Almennyttige Boligselskab, Afdeling Schackenborgvænge

# Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni: il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, fir-rigward tal-liġi Daniża fil-qasam ta' akkomodazzjoni pubblika, is-sitwazzjonijiet li jistgħu jikkostitwixxu diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika

Il-Liġi Daniża dwar l-Akkomodazzjoni Pubblika hija intiża sabiex tnaqqas il-perċentwali ta' akkomodazzjoni pubblika għall-familji fiż-"żoni ta' trasformazzjoni". Dawn iż-żoni huma kkaratterizzati, fost oħrajn, mill-fatt li l-proporzjon "ta' immigranti li joriġinaw minn pajjiżi mhux tal-Punent u d-dixxendenti tagħhom" qabeż il-50 % matul l-aħħar ħames snin. Skont din il-liġi, parti mill-kirjiet tal-akkomodazzjoni pubblika għall-familji li tinsab f'żewġ żoni ta' abitazzjoni tal-komuni ta' Slagelse u ta' Kopenħagen kienet ġiet xolta jew kellha tiġi xolta. Il-qorti Daniża adita bil-tilwimiet li jikkonċernaw dawn ix-xoljimenti kellha dubju dwar jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq l-oriġini etnika. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-oriġini etnika hija bbażata fuq diversi fatturi. Kriterju kkunsidrat waħdu, bħalma huma n-nazzjonalità jew il-pajjiż ta' twelid, ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-appartenenza għal grupp etniku. Għall-finijiet tal-eżami ta' eventwali diskriminazzjoni diretta, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika jekk il-kriterju marbut mal-proporzjon tal-immigranti u tad-dixxendenti tagħhom huwiex fil-verità bbażat fuq l-oriġini etnika tal-maġġoranza tal-abitanti taż-"żoni ta' trasformazzjoni" u jekk, minħabba dan il-fatt, huma jġarrbux trattament inqas favorevoli, bħalma huwa riskju ikbar ta' xoljiment antiċipat tal-kirjiet. Jekk il-qorti nazzjonali tikkonstata eventwali diskriminazzjoni indiretta, hija jkollha tivverifika jekk madankollu din hijiex iġġustifikata. Hija għandha b'mod partikolari tiżgura ruħha, f'dan ir-rigward, li l-liġi inkwistjoni tfittex għan ta' interess ġenerali b'mod proporzjonat u tirrispetta b'mod partikolari d-dritt fundamentali tar-rispett tad-domiċilju.

Il-Liġi Daniża dwar l-Akkomodazzjoni Pubblika timponi l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' żvilupp intiżi li jnaqqsu, minn issa sal-1 ta' Jannar 2030, il-perċentwali ta' akkomodazzjoni pubblika għall-familji fiż-żoni msejħa "ta' trasformazzjoni" (li preċedentement kienu indikati bħala "żoni ta' ghetto diffiċli"). Dawn huma viċinati kkaratterizzati minn sitwazzjoni soċjoekonomika mhux favorevoli f'termini ta' livell ta' qgħad, ta' kriminalità, ta' edukazzjoni u/jew ta' dħul medju kif ukoll mill-fatt li l-proporzjon "tal-immigranti li joriġinaw minn pajjiżi mhux tal-Punent u d-dixxendenti tagħhom" [1] f'dawn iż-żoni qabeż il-50 % matul l-aħħar ħames snin.

Fl-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' żvilupp relatati maż-"żoni ta' trasformazzjoni" ta' Ringparken f'Slagelse u ta' Mjølnerparken f'Kopenħagen, parti mill-kirjiet tal-akkomodazzjoni pubblika għall-familji li tinsab f'dawn iż-żoni kienet ġiet jew kellha tiġi xolta. Ċerti kerrejja affettwati kkontestaw dawn il-miżuri quddiem il-qorti nazzjonali, fejn b'mod partikolari qiesu li l-kriterju marbut mal-proporzjon tal-"immigranti li joriġinaw minn pajjiżi mhux tal-Punent u d-dixxendenti tagħhom" kien jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq l-oriġini etnika, ipprojbita mid-dritt tal-Unjoni [2].

Il-qorti Daniża adita b'dawn it-tilwimiet għamlet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett.

Fir-rigward tad-determinazzjoni ta' jekk il-liġi Daniża tistabbilixxix **diskriminazzjoni diretta** [3], il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-kriterju inkwistjoni jidher li huwa deċiżiv sabiex jiġu identifikati ż-"żoni ta' trasformazzjoni" kkonċernati mit-tnaqqis tan-numru ta' akkomodazzjoni pubblika għall-familji. Madankollu, **hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina jekk dan il-**

**kriterju jistabbilixxix differenza fit-trattament ibbażata fuq l-oriġini etnika tal-maġġoranza tal-abitanti ta' dawn iż-żoni, li jwassal għalhekk, għall-abitanti tagħhom, għal trattament inqas favorevoli minn dak irriżervat għall-abitanti ta' żoni paragunabbli li fihom il-proporzjon ta' immigranti ma jaqbiżx il-limitu ta' 50 %.**

l-Qorti tal-Ġustizzja tispjega li l-kunċett "ta' oriġini etnika", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, huwa bbażat fuq diversi elementi, bħalma huma n-nazzjonalità, ir-reliġjon, il-lingwa, l-oriġini kulturali u tradizzjonali u l-livell ta' għajxien. Dan il-kunċett huwa ddeterminat abbażi ta' sensiela ta' fatturi. **La n-nazzjonalità u lanqas il-kriterju tal-pajjiż ta' twelid tal-persuna kkonċernata jew tal-ġenituri ma huma biżżejjed, waħedhom, sabiex tiġi stabbilita l-appartenenza ta' persuna għal grupp etniku**. Mill-banda l-oħra, is-sempliċi fatt li kriterju ġenerali inkluż f'leġiżlazzjoni jkopri diversi oriġini etniċi ma jeskludix, inkwantu tali, li dan il-kriterju jintrabat b'mod dirett jew inseparabbli mal-oriġini etnika tal-persuni kkonċernati. Minbarra dan, elementi kuntestwali bħalma huwa x-xogħol preparatorju ta' tali leġiżlazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-konstatazzjoni li l-kriterju eżaminat jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-oriġini etnika.

Fir-rigward tal-eżistenza ta' eventwali trattament inqas favorevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dan jista' jfisser **riskju aggravat, għall-abitanti taż-"żoni ta' trasformazzjoni", li jkollhom il-kirjiet tagħhom xolti antiċipatament u, għaldaqstant, li jitilfu l-akkomodazzjoni tagħhom**. Dan ir-riskju jidher li huwa ogħla milli f'żoni oħra ta' abitazzjoni kkaratterizzati minn sitwazzjoni soċjoekonomika paragunabbli, iżda li fihom il-proporzjon ta' immigranti ma qabiżx il-limitu previst fil-liġi inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li n-natura offensiva jew stigmatizzanti ta' ċerti klassifikazzjonijiet użati f'leġiżlazzjoni jew fix-xogħol preparatorju tagħha tista', hija wkoll, tistabbilixxi l-eżistenza ta' trattament inqas favorevoli għall-persuni li jappartjenu għal ċerti oriġini etniċi.

Jekk il-qorti nazzjonali tikkonkludi li din il-liġi ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta, hija jkollha tivverifika wkoll jekk tikkostitwixxix **diskriminazzjoni indiretta** [4] Dan ikun il-każ fl-ipoteżi fejn il-liġi, minkejja li kienet ifformulata jew applikata b'mod apparentement newtrali, fil-prattika tipproduċi żvantaġġ partikolari fil-konfront ta' persuni li jappartjenu lil ċerti gruppi etniċi. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li **dan l-iżvantaġġ ma għandux neċessarjament jaffettwa oriġini etnika waħda**.

Jekk il-qorti nazzjonali tasal għall-konstatazzjoni li l-liġi inkwistjoni tipproduċi tali żvantaġġ partikolari, hija jkollha teżamina wkoll jekk il-liġi inkwistjoni ssegwix l-għan ta' interess ġenerali invokat mill-Gvern Daniż, intiż sabiex jiġu solvuti problemi relatati mal-koeżjoni soċjali u mal-integrazzjoni fil-qafas tas-sistema Daniża ta' akkomodazzjoni pubblika, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità. B'mod partikolari dan jimplika li jiġi ddeterminat jekk din il-liġi, billi tipprevedi l-obbligu li jiġu adottati l-pjanijiet ta' żvilupp, għandhiex l-għan li tiġi promossa l-koeżjoni soċjali b'mod koerenti u sistematiku, minkejja li dan l-obbligu ma japplikax għaż-żoni ta' abitazzjoni li ma humiex differenti miż-"żoni ta' żvilupp" ħlief minħabba ċ-ċirkustanza li r-residenti tagħhom ma humiex fil-maġġoranza "immigranti li joriġinaw minn pajjiżi mhux tal-Punent u d-dixxendenti tagħhom". L-eżami tal-ġustifikazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll id-dritt fundamentali tar-rispett tad-domiċilju.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ, u fejn applikabbli, is-sunt tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ✆ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] Il-kunċett ta' "immigrant" fis-sens tal-Liġi Daniża dwar l-Akkomodazzjoni Pubblika jindika persuna mwielda barra mill-pajjiż li ebda wieħed mill-ġenituri tagħha ma twieled fid-Danimarka u lanqas ma kien ċittadin Daniż. "Dixxendent" huwa ddefinit bħala persuna mwielda fid-Danimarka li ebda wieħed mill-ġenituri tagħha ma twieled fid-Danimarka u lanqas ma kien ċittadin Daniż, jew li l-ġenituri tagħha, minkejja li twieldu fid-Danimarka u kisbu n-nazzjonalità Daniża, iżommu t-tnejn li huma wkoll nazzjonalità barranija. Il-kunċett ta' "pajjiż tal-Punent" jinkludi l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, Andorra, l-Islanda, il-Liechtenstein, Monako, in-Norveġja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, San Marino, l-Isvizzera, l-Istat tal-Belt tal-Vatikan, il-Kanada, l-Istati Uniti, l-Awstralja u New Zealand. Għalhekk il-pajjiżi l-oħra kollha jitqiesu bħala "pajjiżi mhux tal-Punent".

[2] Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità.

[3] Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, bla ħsara għal verifiki li għandhom jitwettqu mill-qorti Daniża, għandu jitqies li d-Direttiva 2000/43 tapplika għas-sistema Daniża ta' akkomodazzjoni pubblika. Fil-fatt, it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' akkomodazzjoni bi ħlas skont din is-sistema jikkonċerna l-aċċess għas-servizzi u l-provvista ta' servizzi fil-qasam tal-akkomodazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(h) ta' din id-direttiva.

[4] Skont id-Direttiva 2000/43, ikun hemm diskriminazzjoni indiretta meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali jiżvantaġġaw grupp ta' persuni minħabba r-razza tagħhom jew l-oriġini etnika tagħhom, ħlief jekk din id-dispożizzjoni, dan il-kriterju jew din il-prattika jfittxu għan leġittimu u jutilizzaw mezzi xierqa u neċessarji sabiex jilħquh.